**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Nru: 388 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Spettur Nicholas Vella**

**vs**

**Ahmed Al Shanburi**

Illum 22 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Ahmed Al Shanburi, detentur tal-karta tal-identita' numru 51226 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar it-12 ta' Mejju 2018, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu ( 9am ) fi Triq San Pawl tal-Qliegha, Mosta huwa:-

i. Uza, gieghel, jew halla lil min juza vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAC 957 tal-ghamla Ford, fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, minghajr ma kellu fis-sehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan skont l-artikolu 3 ( 1 ) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Talli waqt l-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kellix licenza u dan bi ksur tal-artikolu 15 ( 1 ) ( a ) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. Talli waqt l-istess hin, lok u cirkostanzi bhala sid jew xufier tal-imsemmija vettura bil-mutur, naqas li jara li l-licenza kienet imwahhla man-naha tax-xellug tal-windscreen u dan bi ksur tal-artikolu 17 ( 2 ) ( a ) tal-Ligi Sussidjarja 368.02;

iv. F' kaz ta' htija il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex il-hati jigi skwalifikat mill-licenzi kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li-l-Qorti jidhirla xieraq

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar it-13 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat u wara li rat l-Art. 3 (1) tal-Kap. 104, l-Art. 15 ( 1 ) ( a ) tal-Kap. 65 u l Art. 17 ( 2 ) ( a ) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, sabithu hati tal-imputazzjonijiet kollha, kkundannatu jhallas multa fis-somma komplessiva ta' € 2.700 pagabbli f' 27 pagament mensili ugwali ( ai termini tal-Kap. 9 Art. 14 ( 2 ) ) u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax-il xahar u tmient ijiem ( Art. 3 ( 2 A ) tal-Kap. 104 u Art. 15 ( 3 ) tal-Kap. 65 ).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Ahmed Al Shanburi minnu pprezentat fit-22 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

1. Tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha is-sentenza kif inhi u tinghata piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz u dan billi tigi irtirata is-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan tal-appelanti jew jitnaqqas iz-zmien ta' din is-sospensjoni.

Rat illi l-aggravji huma cari u jikkonsistu fis-segwenti;

**Aggravju fuq il-Piena**

1. Illi l-appellanti huwa konxju tal-gurisprudenza Maltija li appell mill-piena wara sentenza moghtija in segwitu ghall- ammissjoni nkondizzjonata huwa xi ftit jew wisq odjuz. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003 il-Qorti ta' l-Appell qalet li:

> *"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha.*
> *Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

2. Illi pero jekk il-Qorti tal-Appell tara li l-piena inflitta ma kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienet żbaljata fil-prinċipju ( wrong in principle ) jew kienet manifestament eċċessiva ( excessive or manifestly excessive ) din il-piena ghandha tigi mibdula;

3. Illi l-esponenti jissottometti li meta tqis ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz b'mod in generali kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari ta' l-appellanti, is-sospensjoni ta' tnax il-xahar u t tmint ijiem hija hija eccessiva u essagerata;

4. Illi dan qieghed jinghad ghax jekk wiehed jara xi jghid l-artikolu 3 ( 2A ) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib li dan jghid is-segwenti:-

> *"Kull min jinstab hati ta' reat taht dan l-artikolu ghandu ( hlief jekk il-qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika ) jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati."*

5. Illi dan iffisser illi jekk ikunu jezistu raguniiet specjali, l-iskwalifika tal-licenza tas-sewqan ghal-zmien tnax il-xahar ma tibqax tassativa;

6. Illi kif intqal aktar il-fuq fiz-zmien meta sehh l-akkadut l-appellant kien ghaddej min diversi problemi f' hajtu anki finanzjarji f' hajtu u sforz dawn il-problemi kollha li kien ghaddej minnhom huwa kien nesa jgedded il-licenza u l-assikurazzjoni u fil-fatt huwa ammetta ghall-imputazzjonijiet kontrih;

7. Illi llum wara li ghaddew aktar min erbgha snin min meta sehh dan l-akkadut l-appellant issettja hajtu b' mod komplet u fil-fatt illum il-gurnata huwa self employed u jahdem bhala bajjad;

8. Illi jekk ser ikollu il-licenza tas-sewqan tieghu sospiza ghal-tnax-il xahar u tmint ijiem dan ser ikun iffiser li huwa mhux ser ikun jista' jibqa ghaddej bix-xoghol tieghu u jahdem u jaqla l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u dan ghaliex jekk ma jkunx jista' issuq huwa ma jkunx jista jgorr l-ghodda u l-materjal li jkollu bzonn;

9. Illi dawn ic-cirkostanzi ghandhom jigu ikkunsidrati bhala ragunijiet specjali kif mahsuba fl-artikolu 3 ( 2 A ) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u allura il-Qorti setghet' taghti terminu ta' sospensjoni ferm anqas min dak moghti jew sahansitra anki setghet tordna li l-licenza tas-sewqan tal-appelanti ma tigix sospiza;

10. Illi permezz tan-nuqqas tal-applikazzjoni tad-diskrezzjoni moghtija lilha bis-sahha tal-artikolu 3 (2 A) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti naqset milli tohloq bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum u dan ingustament ser johloq tbatijiet zejda fuq l-appellant stante li minhabba din is-sentenza huwa ser jigi affetwat fix-xoghol tieghu;

11. Illi finalment jekk l-imsemmija skwalifika tibqa fis-sehh is-socjeta' taghna ma tkun qieghda tiggwadanja xejn ghajr li kap ta' familja li jaqla l-ghijxien tieghu bis-sahha tal-imsemmija licenza ser ikun qieghed jitlef l-impjieg tieghu u jispicca piz fuq is-socjeta';

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** [1]deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)5 intqal:-

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment

[1] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar il-21 ta' April 2005 Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991. Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li: Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din ilQorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xhieda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha[2].

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha ssentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[2] Dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi lartikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mirraġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa il-provi prodotta biex tara jekk il-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienitx wahda severa jew le u dan qed jinghad ghaliex huwa ormai principju pacifiku li din il-Qorti ta' revizjoni ma tbiddilx il-piena

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, IrRepubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

[4] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

moghtija mill-ewwel Qorti jekk tali piena hija wahda li tirrijentra fil-piena legislatttiva prospettata.

Illi din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**,[5] "sahhet li mhux normali li din il-Qorti tal-Appell tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrijentra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen[6] .Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)."

Illi fil-kawza odjerna l-appellant irregistra ammissjoni nhar it-13 ta' Setteembru 2022 (fol. 43) u dan wara li l-kawza kienet ilha li bdiet tinstema sa mil-11 ta' Dicembru 2018 u cioe erba'snin shah u wara li l-prosekuzzjoni kienet resqet il-provi kollha taghha.

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti : -

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti*

[5] Deciza nhar is-26 ta' Marzu 2009 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[6] Deciza nhar is-26 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

*li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :
*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or otherdispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'*

*(emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*[7]

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri <u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,</u> deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn

Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati
u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :
*8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- Page 11 of 12 piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*
Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex terroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-

eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cedric (Cedric Charles) Sciberras**[8] il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Angelo Scuderi** [9], kien gie deciz li mid-dicitura ta' l-artikolu 10(1) tal-Kap 104 jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabilita ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikoli (2) u (3) ta' l-istess artikolu, anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikoli (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa` l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1).

Illi fil-kaz in ezamina, l-appellant li kellu l-obbligu li jipprova li kellu polza ta' sigurtamahruga fuq il-vettura li kien qed isuq ai termini tal-artikolu 3 (1) (a) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u naqas li jghamel dan u ghalhekk tali akkuza tirrizulta provata.

Jinghad hawnhekk li t-tieni akkuza hija involuta fl-ewwel akkuza u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma il-htija misjuba mill-ewwel Qorti li l-appellant ma kellux polza ta'sigurta waqt is-sewqan tieghu.

[8] Deciza nhar is-26 ta' Marzu 2015 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[9] Deciza nhar it-3 ta' Novembru, 2005 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

Fir-rigward tat-tielet akkuza u cioe li saq il-vettura numru ta' registrazzjoni BAC 957 Ford Escort bla ma kellha licenzja tas-sewqan biex tkun fit-triq, jinghad li mid-dokument esebit mix-xhud Stephen Cachia (fol. 23E) irrizulta li l-vettura ma kellhiex licenzja kienet skadiet fit-28 ta' Frar 2018 u ghalhekk tali akkuza giet provata kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti minkejja l-ammissjoni tal-istess appellant.

Il-Qorti rat l-artikolu 2 (a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovi s-segwenti dwar il-piena:-"*l-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien;*"

Ghalhekk, il-Qorti rat li l-ammont ta' €2,700 jeqreb lejn il-minimu fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u konsegwentement ma thossx li ghandha tnaqqas tali ammont. Din il-Qorti ghalhekk qed issib lill-appellant hati tat-tieni akkuza kif inkorporata fl-ewwel akkuza u hati tat-tielet akkuza u tikkundannah multa ta' €2,700. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni ghaliex ghandha tbiddel jew tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement l-aggravju dwar il-piena wkoll qed jigi respint. Qeghda pero takkorda l-fakolta moghtija mill-ewwel Qorti li ihallas l-multa inflitta f'27 pagament konsekuttiv ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' inadempjenza f'pagament wiehed il-pagament restanti ikun kollu dovut u l-bilanc jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Dwar il-konfiska, din il-Qorti rat li hemm biss piena minima tassattiva, li fil-kaz ta' sewqan bla kopertura ta' polza tal-assikurazzjoni kontra r-risjki ta' terzi, hija

ta' skwalifika mil-licenzji ghal perjodu ta' sena, skond l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta. Hu minnu li dan l-artikolu jipprovdi li din l-iskwalifika tista'ma tinghatax jekk il-Qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor, pero' f'dan il-kaz ma tirrizulta ebda raguni specjali li tista' b'xi mod tiggustifika li din il-Qorti teroga skwalifika inqas minn dik tassattivament iffissata mill-ligi. Il-fatt li l-appellant ghandu bzonn isuq il-vettura tieghu minhabba ragunijiet ta' xoghol, messha kienet raguni 'l ghala huwa ghandu jiehu hsieb li jsuq vettura li tkun koperta b'polza ta' sigurta, u dan ghaliex kieku habat, il-konsegwenzi setghu kienu hafna aktar dizastruzi kif del resto gie deciz f'sentenzi ohra min dawn l-istess Qrati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tichad l-appell billi tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha, u ghalhekk qeghda tikkonfermaha fil-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

Il-perjodu tal-iskwalifika tal-appellant milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghandu jibda' jsehh minn-nofs il-lejl tal-lum.

F'kaz li l-appellant ihoss li ghandu ragunijiet specjali l'ghaliex din il-Qorti ghandha tirrevoka l-ordni taghha tal-iskwalifika, huwa ghandu jipprezenta rikors ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur